MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Numru 10/2004

**Ir-Repubblika ta Malta**
**Vs**
**John Bartolo**
**Anthony Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2004 kontra l-akkuzati John Bartolo u Anthony Camilleri, li bih huma gew akkuzati talli:

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubbklika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi
f'Jannar tas-sena elfejn u tlieta, il-Pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li fil-fond numru erbgha, Triq San Pietru, Zejtun, kienu qed jitkabbru xi pjanti tal-cannabis. Mill-investigazzjonijiet li bdew isiru rrizulta li l-post kien jintuza minn John Bartolo, li, pero' kien jghix f'post iehor, u minn certu Anthony Camilleri.

Il-Pulizija zammew dan il-post taht sorveljanza stretta, u minnha rrizulta li effettivament gewwa dan il-post kienet ilha ssir il-kultivazzjoni tal-pjanta cannabis, u li ghaliha kienu responsabbli tnejn min-nies: John Bartolo w Anthony Camilleri.

John Bartolo kien il-proprjetarju w detentur assolut tal-post 4, Triq San Pietru, Zejtun, imma jghinu fil-kultivazzjoni tal-cannabis kellu lil Anthony Camilleri li kien joqghod Marsascala, li kien joqghod Marsascala, izda kellu ugwalment cavetta tal-post 4, Triq San Pietru, Zejtun, sabiex seta' jkollu access liberu ghalih u jindokra wkoll il-pjanti tal-cannabis hemm kultivati.

Fl-erbatax ta' Jannar tas-sena 2003, f'xi l-erba w kwart ta' filghodu, il-Pulizija dahlu gewwa fil-fond 4, Triq San Pietru, Zejtun, konsistenti f'kamra w bitha nterna mdaqqsa, fejn kien hemm mal-fuq minn minja w tnejn u ghoxrin pjanta tal-cannabis, mizien elettroniku u kwantita' ta' boroz tal-plastik sabiex din id-droga tigi ppakkjata fihom.  F'din l-irruzzjoni, huma hassdu lil John Bartolo li kien mar hemm biex jindokra l-imsemmija pjanti.  Ftit tal-hin wara, gie ghall-gharrieda fuq il-post Anthony Camilleri, li kien ukoll mar hemm biex jghin jindokra dawk il-pjanti, izda sab lill-Pulizija ma' wiccu, pprova jahrab u gie arrestat.

Illi l-imsemmija John Bartolo w Anthony Camilleri la kellhom licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil taghhom u anqas kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga msemmija.  Inoltre John Bartolo w Anthony Camilleri ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellhomx licenzja w anqas kienu xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija.  L-istess John Bartolo w Anthony Camilleri ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Illi b'eghmilhom l-imsemmija John Bartolo w Anthony Camilleri saru hatja talli kkultivaw il-pjanta cannabis, liema kultivazzjoni ta' pjanta hija pprojbita mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u meta hadd minnhom ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellhomx licenzja w anqas kienu xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess John Bartolo w Anthony Camilleri ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija John Bartolo w Anthony Camilleri, hatja talli kkultivaw il-pjanta cannabis, liema kultivazzjoni ta' pjanta hija pprojbita mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u meta hadd minnhom ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kellhomx licenzja w anqas kienu xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija. L-istess John Bartolo w Anthony Camilleri ma kellhomx licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

U peress li Anthony Camilleri kien instab precedentement hati ta' delitt, skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2001, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebita lill-imsemmi akkuzat bir-recidiva.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w li kull wiehed minnhom jigi kkundnannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor, u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltina izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija, w l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha uzati biex tinzamm jew tinhazen, jew biex tinbiegh jew tigi traffikata l-medicina msemmija, u ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes,

proprjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(c), 12, 13, 14, 15A, 20, 22(1)(1B), 22(2)(a)(i), (3)(3A)(5)(9), 22(E), 25, 26, 28, u 30 tal-Kapitolu 101, u fl-artikoli 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap, illi fl-erbatax ta' Jannar tal-imsemmija sena 2003, in segwitu ghat-tfittxija li l-Pulizija ghamlet fil-fond numru 4, Triq San Pietru, Zejtun, ghamlet tfittxija wkoll fuq il-persuna ta' John Bartolo, u fil-but tal-gakketta w l-qalziet li kien liebes, instabet il-haxixa tal-cannabis imgezwra go bicca karta mehuda mid-direttorju tal-Yellow pages.

Aktar tard dakinhar, wara li gie arrestat Anthony Camilleri, saret tfittxija fir-residenza tieghu fi Twanloui, Flat 2, Triq Nigel Dennis, Marsascala, fejn instabu borza tal-plastik zghira bil-haxixa tal-cannabis imgezwra f'karta ta' gazzetta.

Illi b'hekk l-imsemmija John Bartolo w Anthony Camilleri rrendew ruhhom hatja tad-delitt ta' pussess xjenti ta' medicina perikoluza bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil kull wiehed mill-imsemmija John Bartolo w Anthony Camilleri hati ta' pussess tal-medicina perikoluza l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta hadd minnhom ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

U peress li Anthony Camilleri kien instab precedentement hati ta' delitt, skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2001, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebita lill-imsemmi akkuzat bir-recidiva.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi John Bartolo jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija (LM200) izda mhux izjed minn ghaxar telef lira Maltija (LM10,000), mentri Anthony Camilleri jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tminta-il xahar izda mhux izjed minn tnax-il sena w multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija (LM200) izda mhux izjed minn ghax telef lira Maltija (LM10,000), liema piena pekunjarja l-Avukat Generali talab li ghandha titqies li hi dejn civili, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(c)(d), 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 23, 31, 49, 50, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

3) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap, illi mill-indagini li kompliet taghmel il-Pulizija, rrizultalha li John Bartolo kien ilu snin shah, f'hafna okkazzjonijiet bejn l-14 ta' Jannar, 2003, u l-hames snin ta' qabel, iforni l-pjanta cannabis lil Anthony Camilleri, u, xi minn daqqiet, anke lil Emanuel Fawwizza, l-gharus ta' oht John Bartolo. Dana kien hekk iforni l-pjanta cannabis lill-imsemmija persuni, daqqa bi hlas u daqqa bi pjacir, partikolarment lil Anthony Camilleri talli dan kien jghinu fil-kultivazzjoni taghhom.

Il-cannabis kollha li l-Pulizija sabet fil-pussess sia ta' Anthony Camilleri kif ukoll ta' Emanuel Fawwizza kellhom il-provenjenza gejja mill-pjanti tal-cannabis li John Bartolo kien ilu jikkultiva.

Is-sustanza tal-pjanta cannabis hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u John Bartolo ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex iforni jew ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi b'eghmilu l-imsemmi John Bartolo sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga tal-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, specifikata fir-Rara Taqsima al-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi John Bartolo hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga tal-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat kien wiehed kontinwat, u cioe' b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, w gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda

mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000), liema piena pekunjarja l-Avukat Generali talab li ghandha titqies li hi dejn civili, u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(e), 10(1), 20, 22(1)(a)(f)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22, 26 u 28 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 18, 20, 22, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fir-Raba Kap, illi meta l-Pulizija ghamlet it-tfittxija fir-residenza 4, Triq San Pietru, Zejtun, fl-14 ta’ Jannar, 2004, sabu li kien hemm meter tad-dawl, tat-tip Hollingwood Ferrantin serial number 10272917, imbaghbas fis-sens li r-rota fil-meter tieghu kienet iggamjata billi ddahhlet bicca plastik trasparenti mill-cover tieghu. Dan kollu kien ghamlu John Bartolo sabiex jiffranka l-ispejjez tal-kurrent tal-elettriku li kien ilu juza ghal aktar minn sentejn qabel fir-tkabbir tal-hafna pjanti tal-cannabis fis-snin precedenti.

B’hekk, John Bartolo rrenda ruhu hati talli volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, w ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 326(1)(c), 264(1)(2), 20, 22, 23, 17(b), u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fil-Hames Kap, illi dejjem fl-14 ta’ Jannar, 2003, in segwitu ghall-istess tfittxija li l-Pulizija ghamlet fir-residenza ta’ John Bartolo f’numru 4, Triq San Pietru, Zejtun, u fir-residenza l-ohra tieghu f’numru 36, Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun, instab li huwa kien fil-pussess xjenti ta’ diversi armi tan-nar u munizzjon, u li

kien qed izommhom f'fond minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dawn l-armi w munizzjon kienu jikkonsistu f'British Bulldog Revolver, 45, zewg snieter, tnax-il balla w diversi skratacc.

Din id-darba, John Bartolo kkommetta r-reat ta' pussess illegali ta' arma tan-nar u munizzjon.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi John Bartolo, hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond, arma tan-nar jew munizzjon.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn tlett xhur sa tlett snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3(1), 19, u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

6) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fis-Sitt Kap, illi dejjem fl-14 ta' Jannar, 2003, in segwitu ghall-istess tfittxija li l-Pulizija ghamlet fir-residenza ta' John Bartolo f'numru 4, Triq San Pietru, Zejtun, u fir-residenza l-ohra tieghu f'numru 36, Triq il-Madonna Tal-Hniena, Zejtun, instab li huwa kien fil-pussess xjenti ta' senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru ta' serje U 38531, b'valur ta' aktar minn mitt Lira Maltin, izda anqas minn elf Lira Maltin, u licenzjat f'isem Lawrence Pisani.
Dan is-senter kien insteraq lil certu Lawrence Pisani minn Bulebel, ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu, minn gewwa l-karozza tieghu li allura kienet ipparkjata barra l-Fabbrika fejn kien jahdem, nhar is-seba ta' mejju tas-sena elf disa mija seba w disghin. Dan is-serq kien sar billi giet sgassata l-imsemmija karozza, u l-istess serq gie debitament irraportat fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun.

F'xi zmien wara, u certament sal-14 ta' Jannar, 2003 dan is-senter instab li kien fil-pussess xjenti ta' John Bartolo

minghajr ma qatt ta xi spjegazzjoni ragonevoli jew plawsibbli ta' kif kien gie fil-pussess tal-istess senter.

Din id-darba, John Bartolo kkommetta d-delitt ta' ricettazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi John Bartolo, hati talli, f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex idieghhom jew imexxihom.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' minn hames xhur sa tlett snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17(b), 334(a), 279(a), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors tat-12 ta' Lulju, 2004, pprezentat mill-Avukat Generali u mill-akkuzat John Bartolo, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) u (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , talbu li , fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat John Bartolo, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta' prigunerija ghall-periodu ta' tnax (12) il-sena u multa ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , inkluz , imma mhux biss, il-konfiska ta' kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta' immobbli u mobbli tal-istess akkuzat.

Rat ir-rikors tal-14 ta' Lulju, 2004, pprezentat mill-Avukat Generali u mill-akkuzat Anthony Camilleri, fejn, a tenur tal-artikolu 453A (1) u (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, talbu li, fl-eventwalita' ta' ammissjoni da parti tal-akkuzat Anthony Camilleri, stante li l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-artikolu 29 hu applikabbli ghall-kaz tal-istess akkuzat,

il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu ghandha tkun ta' prigunerija ghall-periodu ta' tmin (8) snin u multa ta' tmint elef lira Maltin (LM8,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta , inkluz , imma mhux biss, il-konfiska ta' kwalunkwe flejjez u tal-proprjeta' immobbli u mobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju, 2004, l-akkuzati, mistoqsija jekk humiex hatja skond l-Att tal-Akkuza, wiegbu billi stqarru li huma kienu hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tathom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzati baqghu jtennu t-twegiba li huma kienu hatja

Tiddikjara ghalhekk lil **John Bartolo** hati talli :-
1.Fl-14 ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-jiem ta' qabel din id-data, gol-fond numru erba (4) Triq San Pietru, Zejtun , ikkoltiva l-pjanta cannabis , liema koltivazzjoni ta' pjanta hija projbita mid-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza imsemmija u ma kellux licenzja u lanqas kien xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;
2. talli fl-istess jum u fl-istess post kien fil-pussess ta' medicina perikoluza , l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza w dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza ;

3. talli f ‘ hafna okkazzjonijiet bejn l-14 ta’ Jannar, 2003 u l-hames snin ta’ qabel , f’ Malta, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura l-pjanta cannabis , kollha jew bicca minnha, specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga , b’dan li r-reat kien wiehed kontinwat u cioe’ b’diversi atti maghmulin , ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’rizoluzzjoniu wahda w dan skond it-tielet kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

4.talli fl-14 ta’ Jannar, 2003 u fis-sentejn ta’ qabel , go 4, Triq San Pietru , Zejtun, volontarjament ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku w kkaguna t-telf tal-kurrent elettriku , w dan skond ir-raba’ kap tal-Att ta’ l-Akkuza; u

5. talli fl-14 ta’ Jannar, 2003, go z-Zejtun , kien fil-pussess ta’ w zamm f’ xi fond armi u cioe’ British Bulldog Revolver 45, zewg snieter u munizzjon , tnax il-balla u diversi skratac minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan skond il-hames kap ta’ l-Att tal-Akkuza .

Ukoll tiddikjara ghalhekk lil **Anthony Camilleri** hati talli :-

1.Fl-14 ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u fil-jiem ta’ qabel din id-data, gol-fond numru erba (4) Triq San Pietru, Zejtun , ikkoltiva l-pjanta cannabis , liema koltivazzjoni ta’ pjanta hija projbita mid-dispozizzjonijiet u meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima Vi tal-Ordinanza imsemmija u ma kellux licenzja u lanqas kien xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-

droga msemmija w ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;
2. talli fl-istess jum u fl-istess post kien fil-pussess ta' medicina perikoluza , l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza w dan skond it-tieni kap ta' l-Att tal-Akkuza ; u
3. talli hu recidiv billi kien instab precedentement hati ta' delitt skond sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2001 .

Rat il-fedina penali aggornata tal-hatja esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza seduta stante;

Rat illi l-Prosekuzzjoni w d-difiza rrimettew ruhhom ghal qbil dwar il-piena ndikat fir-rikorsi taghhom fuq imsemmija;

Ikkonsidrat;

Li ghalkemm il-piena ghar-reati ammessi miz-zewg hatja taht l-ewwel kap u mill-hati John Bartolo taht it-tielet kap hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;

Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hatja, il-kondotta ta' qabel tal-hatja , il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin

sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b’ xi forma ta’ dritt jew awtomatikament , tissarraf f’ riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**” , [17.7.2002]. F’din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi Ingliza fir-rigward li giet citata ripetutament w addottata mill-Qrati Maltin.

Ikkonsidrat ;

Qieset ukoll li r-reat taht l-ewwel, kap serva bhala mezz biex isiru r-reati taht it-tieni w t-tielet kap tal-Att ta’ l-Akkuza w ghalhekk, ghall-fini tal-piena ghandha tinghata l-piena ghal reat minnhom biss a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 .

Mill-banda l-ohra pero’ din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li d-delitti ammessi mill-hatja qed ikun ta’ pjaga kbira ghas-socjeta’ Maltija w ta’ kawza ta’ rovina tal-hajja ta’ tant persuni, partikolarment zaghzagh, li qed jinhakmu mill-vizzju tad-droga biex minn fuq darhom l-importaturi w traffikanti tad-droga jaghmlu qliegh kbir ta’ flus .

F’ dan il-kaz si trattava ta’ kwantita’ ta’ madwar mija u tnejn u ghoxrin pjanta tal-cannabis li kienu qed jigu koltivati, li jkollhom piz ta’ 12,448.865 grammi (inkluzi weraq, zkuk u gheruq) u, bil-pjanta niexfa u bla gheruq, piz ta’ 8288.952 grammi bhala “**ghanja**” li minnha johorgu kalkolu 8,289 reefer tal-1g. jew 16,578 reefer tal-500mg. jew 27,629 stick tat-300mg. u 2818.243 grammi bhala

"**marijuana"** li minnha johorgu 2818 reefer tal-1 gr. Jew 5636 reefer tal-500 mg. jew 9,394 stick tat-300 mg. (fols. 154 et seq u fols 269 et seq. tal-process) u dan apparti xi kwantita' zghira ta' cannabis li instabet fuq il-hatja .

Inoltre ukoll il-hati **Bartolo** irid jirrispondi ukoll ghall-akkuzi ta' hsara volontarja w telf ta' elettriku, kif ukoll ta' zamm ta' armi u munizzjon bla licenzja w l-hati **Camilleri** huwa recidiv .

Illi, mehud kollox in konsiderazzjoni, l-Qorti hija sodisfatta li il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet mitluba mill-Avukat Generali u l-hatja fir-rikorsi taghhom tat-12 u tal-14 ta' Lulju, 2004, rispettivament , huma tali li hu legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati ammessi mill-hatja w ghalhekk hu indikat li tinghata s-sentenza mitluba mill-partijiet;

Ghaldaqstant , il-Qorti , wara li rat l-artikoli 8 (c)(d)(e) , 10(1), 12, 13, 14 , 15A, 20, 22 (1)(a)(f) (1A) (1B), (2)(a)(i)(aa)(ii)(3)(3A)(c)(d)(5) (9) , 22(E), 25, 26, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), l-artikoli 17 (b) (h),18, 20, 22, 23, 30, 31, 49, 50, 264(1)(2), 326(1)(c), 492 (1), 453A (1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) u l-artikoli 3 (1), 19 u 27 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lill-hati **John Bartolo , kif mitlub mill-partijiet a tenur tal-artikolu 453A tal-Kap.9 ,** ghall-piena komplessiva ta' tnax il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) , li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tlitt mija w tlieta w sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (LM373.70c) rapprezentanti zewg terzi (2/3) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi f' dan il-process, i.e. LM560.56c u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ; u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta'

kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati kif ukoll il-konfiska tal-armi w munizzjon ;

Tikkundanna lill-hati **Anthony Camilleri**, recidiv, ghall-piena ta’ tmin (8) snin prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta’ tmint elef lira Maltin (LM8000) , li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ mija w sitta w tmenin lira Maltin u hamsa w tmenin centezmu (LM186.85c) rapprezentanti terz (1/3) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, i.e. LM560.56c. dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli tal-hati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti , li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------